ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Citta' Pinto) IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 54 IT-TLIETA 2 TA' AWWISSU 2011**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 2 ta' Awwissu 2011 fis-7.00 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Is-Sindku Jesmond Aquilina, il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, il-Kunsilliera Dennis Zammit, Thomas Harmsworth, Angelo Briffa, Margaret Mercieca, Jeffery Camilleri, Bjorn Azzopardi (7.10pm), Simon Vella Gregory (7.10pm), u Ralph Puli (7.15pm).

Il-Kunsillier Jason Busuttil kien skużat minħabba xogħol.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**54/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 53**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 53 li nżammet nhar it-Tlieta 5 ta' Lulju 2011, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** ssekondat il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur is-seba' Kunsilliera (7) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 53 ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.**

**54/02 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**54/02/01** Is-Sindku nforma li t-tapit maħsub sabiex jintuża fl-attivitajiet prinċipali tal-lokalita' kien inxtara u ntuża f'attivita' fil-lokalita'.

**54/02/02** **Is-Sindku** kkonferma li b'referenza għall-Memo 58 u l-proġett pilota "Aktar impiegi fil-Kunsilli Lokali għall-persuni b'diżabilita", il-Kunsill bagħat l-applikazzjoni tal-Kunsill għal dan il-proġett. Il-Kunsill ressaq proposta fejn kien identifikat il-qasam fejn għandha titħaddem persuna b'diżabilita' fil-Kunsill. Dan huwa xogħol marbut ma' *phone receptionist* u għajnuna fil-filing fl-uffiċċju, fejn ukoll kienet identifikata persuna b'diżabilita', li għandha edukazzjoni sekondarja, u li tista' tagħmel dan ix-xogħol.

**54/02/03** **Is-Sindku** fakkar fil-*Playground's Inspection Report* li l-Kunsill kien irċieva, u ppropona li jitħejja rapport ta' ħidma li hemm bżonn sabiex il-pariri li ngħataw lill-Kunsill jitpoġġew fil-prattika mill-aktar fis, u tintalab l-għajnuna finanzjarja meħtieġa għal dan ix-xogħol.

**54/02/04** **Is-Sindku** nforma li x-xogħol fuq it-tisbieħ madwar il-*Housing Estates* tal-Gvern inbeda bix-xogħol f'Pascarella *Housing Estate*. Immedjatament la jitlesta dan ix-xogħol se jinbeda x-xogħol fuq il-passaġġi madwar il-*Housing Estate* ta' De La Cruz.

## 54/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' LULJU 2011

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Lulju 2011, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

- **a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Lulju
- **b)** *Bank Payments* Lulju 2011
- **c)** *Petty Cash* Lulju 2011

**Is-Sindku** ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.
**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** issekonda.

**Ivvutaw Favur** is-Seba' Kunsilliera (7) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

## 54/04 *TENDER* – XOGĦOL FIL-*HOUSING AUTHORITY BLOCKS*

**Is-Sindku** rraporta dwar is-sejħa għall-Offerti ta' xogħol fil-Blokok tal-Housing Authority. Is-Sejħa dehret fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta ta' nhar il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju 2011, kif ukoll fil-gazzetta ta' kuljum *The Malta Independent* ta' nhar l-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2011.

L-offerti kollha kellhom ikopru l-ħtiġijiet mitluba mill-Kunsill u mill-Awtorita' tad-Djar kif speċifikat fid-dokument tas-sejħa ta' l-offerti bil-modi u l-kundizzjonijiet stabbiliti fis-sejħa. Ix-Xogħol huwa pproġġettat li jsir fuq is-sitta u tletin blokka li hawn f'Ħal Qormi, għaxar blokki kull sena, u l-ispiża fuq kull Blokk għandha tkun ta' mhux aktar minn ħamest elef euro (€ 5000).

Għal din is-sejħa l-Kunsill irċieva offerta waħda tal-Kuntrattur Karl De Flavia, fejn ir-rati mressqa kienu jikkomparaw mal-istimi li ħejja l-perit tal-Kunsill. Saret laqgħa bejn il-Kuntrattur li tefa' s-sejħa u l-Periti tal-Kunsill u tal-*Housing Authority* flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, fejn kien mistħarreġ ix-xogħol li dan il-Kuntrattur ħadem fil-Kunsill tal-Floriana kif ukoll il-prezzijiet tax-xogħol li kkwota fis-sejħa. **DOK 'B'**

**Is-Sindku** għalhekk ippropona l-approvazzjoni tal-offerta mitfugħa mill-Kuntrattur Karl De Flavia għax-xogħol fil-Blokkok tal-*Housing Authority*. Dan ix-xogħol qed ikun programmat li jinbeda mal-ewwel ta' Settembru u li għandu jitlesta sa nofs ix-xahar ta' Diċembru 2011.

**Il-Kunsillier Dennis Azzopardi** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur id-disa' (9) Kunsilliera preżenti.**

**Il-Kunsill unanimament approva** li t-tender għal xogħol fuq il-Binjiet tal-*Housing Authority* jingħata skont l-offerta tas-Sur Karl De Flavia.

**54/05 TENDER - *PAVING WORKS IN* TRIQ DUN GWAKKIN SCHEMBRI**

**Is-Sindku** rraporta dwar is-sejħa għall-Offerti ta' xogħol ta' Pavimentar ta' Triq Dun Ġwakkin Schembri. Is-Sejħa dehret fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Ġunju 2011 kif ukoll fil-gazzetta ta' kuljum *The Malta Independent* ta' nhar l-Erbgħa 29 ta' Ġunju 2011.

L-offerti kollha kellhom ikopru l-ħtiġijiet mitluba mill-Kunsill kif speċifikat fid-dokument tas-sejħa ta' l-offerti bil-modi u l-kundizzjonijiet stabbiliti fis-sejħa.

Għal din is-sejħa l-Kunsill irċieva offerta waħda mill-Kumpanija M.Quip Co. Ltd, għalkemm tressqu xi *samples* minn kumpanija oħra, iżda ma ntefa' l-ebda dokument dwar din is-sejħa fil-kaxxa ta' l-offerti. Il-kumpanija M.Quip ressqet żewġ għażliet fejn ir-rati mressqa kienu jikkomparaw mal-istimi li tħejjew mill-perit tal-Kunsill. L-Għażla *A* tirriżulta l-aktar waħda favorevoli għall-Kunsill. Dan ix-xogħol sejjer ikun iffinanzjat mill-Fond tal-*Urban Improvement* u għalhekk il-Kunsill kien imħeġġeg sabiex l-offerta mitfugħa tkun approvata. **DOK 'C'**

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur l-għaxar (10) Kunsilliera preżenti.**

**Il-Kunsill unanimament approva** li t-tender għal xogħol ta' Pavimentar ta' Triq Dun Ġwakkin Schembri jingħata skont l-offerta tal-M.Quip Company Ltd.

**54/06** ***QUARTERLY FINANCIAL PERFORMANCE REPORT* U *FINANCIAL SITUATION INDICATOR REPORT January – March 2011***

Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda l-ewwel rapport finanzjarju ta' kull tlett xhur – mill-1 ta' Jannar 2011 sat-31 ta' Marzu 2011, għall-attenzjoni tal-Kunsill, flimkien mar-rapport *Financial Situation Indicator* għall-istess kwart tas-sena. Ir-rapporti kienu mqassma mad-dokumenti tas-seduta u ttieħdu bħala moqrija. **DOK 'D1-2'**

Il-Kunsill unanimament approva r-rapporti ta' kull tlett xhur, mill-1 ta' Jannar 2011 sat-31 ta' Marzu 2011.

**54/07** **RAPPORT AMMINISTRATTIV 2010**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq id-dokument Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2010 li kien iċċirkulat u li ittieħed bħala moqri. Huwa fisser li f'dan ir-rapport imħejji mis-Segretarju Eżekuttiv, jiġbor fih analiżi dettaljata tal-ħidma tal-Kunsill kollha għal din is-sena finanzjarja li għaddiet, tar-raba' sena tal-leġislatura ta' dan il-Ħames Kunsill. F'din is-sena l-Kunsill kompla b'impenn qawwi diversi xogħlijiet skond il-programm tal-ħidma li kien ippropona, u b'amministrazzjoni dejjem aktar effiċjenti, l-Kunsill kompla jaħdem f'kull qasam u aspett, kemm dak soċjali, kulturali u ambjentali.

Is-Sindku fisser li dan ir-rapport huwa għal darb'oħra ferm dettaljat u jiġbor fih il-ħidma kbira li twettqet tul din is-sena mill-Kunsill. Is-suċċess tal-Kunsill f'din is-sena titkejjel mill-koperazzjoni u l-armonija sħiħa li teżisti bejniet il-kunsilliera kollha, li flimkien ma' l-amministrazzjoni tal-Kunsill imħaddma permezz tal-impjegati kapaċi u responsabbli taħt it-tmexxija kostanti tas-Segretarju Eżekuttiv, żgur se tkompli ssarraf f'aktar ġid għar-residenti kollha ta' Ħal Qormi. **DOK 'E'**

Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2010.
**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil issekonda.**

**Il-Kunsill unanimament approva r-Rapport Amministrattiv 2010**.

**54/08** **SKEDA TA' ATTIVITAJIET MILL-GĦAQDIET**

Is-Sindku Jesmond Aquilina ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill, kif maqbul fl-aħħar seduta, l-iskeda tal-attivitajiet li ser jittellgħu matul it-tlett snin li ġejjin mill-Għaqdiet Lokali, skont is-sejħa maħruġa mill-Kunsill. **DOK 'F'**

**Il-Kunsill unanimament** qabel li jitħejjew l-abbozzi ta' ftehim ma' dawn l-Għaqdiet sabiex ikunu uffiċjalment iffirmati, għat-tħaddim tagħhom matul dawn it-tlett snin.

**54/09 REĠJUN NOFSINHAR**

**54/09/1 DELEGA TA' INFURZAR TA' LIĠIJIET**

**Is-Sindku** nforma li l-Kunsilli ġew ordnati li l-1 ta` Settembru, 2011 għandha tkun id-data ta' meta għandha tidħol fis-seħħ id-delega tal-infurzar tal-liġijiet mill-Kumitati Reġjonali kif previst permezz tar-regolamenti 2(2) u 2(3) tal-ORDNI DWAR ID-DELEGA TA' INFURZAR MILL-KUNSILLI LOKALI U KUMITATI REĠJONALI - L.S. 363.41.

Dan ifisser li minn dik id-data s-sistema tal-LES se tkun imħaddma mir-Reġjun Nofsinhar, u mhux aktar mill-Kumitat Konġunt Ċentrali.
**DOK 'G1'**

**54/09/2 DEVOLUZZJONI TA' DAWL TAT-TOROQ**

**Is-Sindku** nforma wkoll lill-Kunsill li wara ħafna żmien ta' diskussjoni u proposti u kontroproposti min-naħa tal-Eżekuttiv tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali flimkien mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali l-Onor. Chris Said, il-Gvern huwa deċiż li r-responsabilita' tad-dawl tat-toroq għandha tgħaddi f'idejn il-Kumitati Reġjonali.

Għal dan il-għan, se jinbeda proċess sabiex jitfassal ftehim ġdid li jkun iffirmat mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Kumitati Reġjonali. Din id-deċiżjoni tal-Gvern hija waħda finali u għaldaqstant it-trasferiment għandu jsir skont ftehim li jrid jintlaħaq mal-Presidenti tal-Kumitati Reġjonali. Sakemm isiru l-arranġamenti meħtieġa d-delega attwali se tibqa' fis-seħħ u l-Kunsilli Lokali huma mitluba jibqgħu joffru dan is-servizz fil-lokalitajiet tagħhom. **DOK 'G2'**

**54/10 IT-TRASPORT PUBBLIKU ĠDID**

**Is-Sindku** rraporta dwar il-laqgħa li nżammet nhar l-Erbgħa 27 ta' Lulju mar-rappreżentanti mill-Ministeru tat-Transport, rappreżentanti minn Transport Malta kif ukoll dawk mill-Kumpanija Arriva u l-Kunsilliera tal-lokalita'. Din il-laqgħa tqajjmet b'urġenza wara li tressqu diversi lmenti mqajma mir-residenti dwar ir-rotot il-ġodda u s-servizz skadenti li kien qed jingħata f'Ħal Qormi.
F'din il-laqgħa ġiet spjegata proposta għall-introduzzjoni ta' rotta l-ġdida li sejra tkun qiegħda tiġi ntrodotta mill-31 ta' Lulju 2011 bin-numru 63. Din ir-rotta għandha l-għan li sservi l-inħawi ta' Ħal Qormi li bħalissa qegħdin jiġu servuti bir-rotta 112, b'modifiki fir-rotta, fl-istess ħin tibqa' sejra direttament lejn il-belt wara li tkun żaret il-Marsa *Park and Ride*. Minħabba din ir-rotta ġdida m'hemmx aktar użu għar-rotta 112, u għaldaqstant, din ir-rotta twaqqfet hekk kif bdiet ir-rotta l-ġdida. Fil-laqgħa kien hemm qbil ma' din il-proposta tar-rotta l-ġdida kif ukoll mat-tneħħija tar-rotta 112, pjanta annessa. **DOK 'H1-3'**

Is-Sindku nforma li b'dan it-tibdil Ħal Qormi qed tkun servuta bi tlett rotot diretti direzzjoni lejn il-belt u lura, u dawn huma 61, 62 u 63, li ser ikunu qegħdin jgħaddu minn inħawi differenti u b'hekk jilħqu aktar il-ħtġijiet tar-residenti ta' Ħal Qormi. Il-Kunsill kien infurmat li l-frekwenza tar-rotta l-ġdida sejra tkun ta' kull siegħa u ser jintużaw vetturi ta' disgħa metri minħabba restrizzjonijiet tat-toroq li r-rotta trid tgħaddi minnhom.

Il-Kunsill enfażizza mar-Rappreżentanti tal-kumpanija Arriva u tal-Ministeru, li jkun opportun kieku r-rotta 63 tkun aktar frekwenti minn siegħa, speċjalment matul il-ħinijiet ta' filgħodu, sad-9.00a.m. Dan minħabba l-fatt li ħafna residenti qriema jużaw it-Transport Pubbliku għax-xogħol, speċjalment dawk diretti lejn il-Belt Valletta.

Sar qbil ukoll li min-naħa tiegħu l-Kunsill, meta jkun hemm attivitajiet fit-toroq tal-lokalita' li jaffettwaw ir-rotot tat-Transport Pubbliku, se jinfurma lil TM minnufih sabiex isir tibdil fir-rotot skont il-ħtieġa.

Is-Sindku nforma wkoll li l-Kunsill kien kiteb lill-MEPA dwar il-kwistjoni tat-twaqqif ta' tank tad-Diesel fil-Park and Ride. Jideher li din hija xi ħaġa temporanja u meta joħorġu l-permessi għal Ħaż-Żebbuġ dawn jiċċaqalqu.

**54/11 RIORGANIZZAZZJONI TAS-SWIEQ FIL-BERAĦ – *WHITE PAPER***

Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill kopja tal-*White Paper* dwar ir-Riforma fis-Swieq fil-beraħ, li kienet iċċirkolata lill-Kunsilliera kollha. Minħabba li s-swieq fil-beraħ tagħna, huma forma ta' kummerċ ħaj, u għandhom importanza ekonomika, soċjali u kulturali f'pajjiżna, tnediet White Paper li tiġbor fiha proposti u ħsibijiet dwar kif nistgħu ntejbu l-istruttura legali u l-immanniġjar ta' dan is-settur waqt li jitħarsu l-interessi ta' dawk kollha nvoluti. Din il-White Paper hija aċċessibbli minn fuq il-website tal-Ministeru tal-Finanzi: www.mfin.gov.mt

Bħala parti mill-proċess ta' konsultazzjoni il-Gvern nieda sensiela ta' laqgħat ma' kull min huwa involut direttament f'dan is-settur sabiex l-ewwelnett jispjega aħjar il-kontenut tal-*White paper* u t-tieninett biex jinstemgħu l-ħsibijiet u l-kummenti dwar il-proposti mressqa fil-White Paper. **DOK 'J'**

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** nforma li kien ser jattendi għal din il-laqgħa nformattiva.

**Is-Sindku** ħeġġeġ sabiex il-kunsilliera jressqu l-kummenti tagħhom dwar dan is-suġġett li jolqot mill-qrib lill-Kunsill minħabba s-suq li jinżamm kull nhar ta' sibt. Dawn il-Kummenti jridu jitressqu lis-Segretarjat Parlamentari għal Negozji Żgħar u Artijiet sa nhar il-Ġimgħa 16 ta' Settembru.

**54/12** **MEMOS 59 – 65**

Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Memos 59 sa 65, li kienu kollha ċċirkulati, li jinkludu Memo 64 dwar *Playing Fields* tal-Kunsilli Lokali b'tagħmir li jista' jkun perikoluż, kif ukoll Memo 65 dwar Skema dwar Inizjattivi ta' Attrivitajiet 2012. **DOK 'K 1-7'**

**54/13** **AKTAR IMPIEGI FIL-KUNSILLI LOKALI GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill kopja tal-korrispondenza tal-Kunsill dwar dan il-proġett pilota, li kien imsemmi fil-bidu tas-seduta. **DOK 'L 1-3'**

**54/14** **KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-Korrispondenza dwar: **DOK 'M '1-5'**

1. UIF Draft Contract Triq Dun Ġwakkin Schembri
2. Gwida dwar Segretarji Eżekuttivi li jkunu waslu għal eta' tal-Penzjoni
3. Qormi Booklet – li wasal fil-fażi ta' *printing.*
4. Skema Attivitajiet Kulturali - Lejl F'Casal Fornaro
5. Fond 1 u 2 Triq is-Sienja, fejn il-Kunsill Lokali reġa' talab sabiex jittieħdu passi mmedjati dwar it-telqa tal-fond 1 u 2 fi Triq is-Sienja kantuniera ma' Vjal de la Cruz. Il-Kunsill għal darb'oħra rega' lmenta li s-Sinjuri Buhagiar kompletament abbandunaw dawn is-siti u mhux qed josservaw il-kondizzjonijiet tal-kirja ta' dawn is-siti, u dan b'detriment tal-area u tar-residenti tal-madwar. Jidher ukoll mit-telqa li tinsab fiha din l-għalqa, li hemm annimali mejta, u skart ieħor, kif ukoll għadd ħaxix niexef li jista' jkun ta' periklu minħabba ħruq.

**54/15** **Is-Sindku** nforma li x-xogħol fuq l-uffiċċju l-ġdid tal-*Customer Care*, fis-sular t'isfel miexi b'ritmu tajjeb u qed ikun previst li dan jista' jitħaddem mill-aħħar ġimgħa ta' Settembru. Il-Kunsill qed iressaq stedina sabiex il-Prim Ministru Lawrence Gonzi jżur il-Kunsill ta' Ħal Qormi, li sal-lum għadu qatt ma ġie iżur dan il-bini, u fl-istess ħin jara dan il-proġett imħaddem.

**54/16** **Il-Kunsillier Thomas Harsworth** ilmenta li kien ressaq mozzjoni sabiex Trejqet il-Wied tinbidel għal Triq George Agius u baqa' ma sar xejn dwarha.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li dik il-mozzjoni kienet ġiet sospiża.

Għalhekk il-mozzjoni li l-isem ta' Trejqet il-Wied jinbidel għal Triq George Agius tressqet mill-ġdid u kienet issekondata mill-Kunsillier Bjorn Azzopardi.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni**.

## 54/17 AĠĠORNAMENT

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 6 ta' Settembru 2011 fis-7:00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-8:20 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina<br>Sindku | John Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2011.
(Jum) (Data) (Xahar)